MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2208/2002

**Avviz Numru 2208/02 AJD**
**Saviour u Theresa konjugi Aguis**

**vs**

**Antoine Xerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670.00) kwantu ghal prezz u valur ta' 'airconditioning unit' liema atrezzatura ma gietx supplita mill-konvenut mal-vettura mibjugha mill-konvenut lill-atturi, liema vettura hija tal-marka Opel Astra Estate, numru tar-registrazzjoni BBM 074.
Bl-ispejjes, nkluzi dawk tal-ittra legali datata 7 ta' Awissu 2002 (Lm5.00) kontra l-konvenut..

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li l-partijiet qatt ma ftehmu li l-karozza kellha jkollha ‘airconditioner’ u l-karozza hekk harget mill-fabbrika, cioe’ minghajr ‘airconditioner’. Inoltre, l-vettura nbieghet ‘tale quale’ u giet ezaminata minn tekniku ta’ fiducja tal-attur. Infatti ghax-xhur Frar sa Awissu 2002 l-attur qatt ma lmenta.

Sema’ x-xhieda ta’ Saviour Aguis, Emanuel Ciantar, John Aguis u Antoine Xerri, George Magri u Joseph Debono. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra l-verba tas-seduta tal-20 ta’ Jannar 2003 fejn il-konvenut issoleva l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kap. 16.

Ra s-sentenza tat-28 ta’ Marzu 2003 fejn giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri ta’ preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attur xtara vettura tal-marka Opel Astra minghand il-konvenut li huwa ‘autodelaer’ ghall-prezz ta’ Lm7,000.00. L-attur isostni li meta xtara l-vettura l-konvenut kien qallu li l-vettura kellha ‘full extras’ u kienet fornita b’airconditioning unit’. Xi fiti tax-xhur wara li nxtrat il-vettura, l-attur skopra li effettivament din ma kienitx fornita b’’airconditioning unit’ kif miftiehem u permezz ta’ din il-kawza huwa qieghed jitlob tnaqqis fil-prezz ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16. L-attur qed jitlob ir-rifuzjoni ta’ prezz ta’ ‘airconditioning unit’ ghal vettura tal-marka Opel Astra skond stima li huwa ottjena minghand l-agenti ta’ dawn il-vetturi, liema stima tinsab esebita a fol. 22 tal-process. Il-konvenut min-naha l-ohra jinnega li kien hemm ftehim li l-vettura kellha tkun atrezzata b’’airconditioning unit’ u jghid ukoll li fi kwalunkwe kaz il-vettura giet mibjugha ‘tale quale’.

Illi l-kwistjoni kollha tidher li hija wahda ta' kredibilita' u cioe' jekk effettivament kienx hemm ftehim li l-vettura mibjugha u kkonsenjata lill-attur kellhiex tkun attrezzata b''airconditioning unit' o meno. It-Tribunal, wara li sema' liz-zewg partijiet kontendenti jixhdu, kif ukoll ix-xhieda minnhom prodotti, jinsab moralment konvint li l-verzjoni moghtija mill-attur hija ferm aktar kredibbli. Ix-xhieda tal-attur hija korroborata mix-xhieda ta' Emanuel Ciantar u John Aguis. Dawn iz-zewg xhieda t-tnejn ikkonfermaw li semghu lill-konvenut jghid lill-attur li l-vettura kienet attrezzata b'airconditioning unit': Ciantar ghaliex kien prezenti meta sar in-negozju bejn il-partijiet u Aguis meta akkompanja lill-attur ghand il-konvenut meta gie skopert li l-vettura ma kellhiex 'airconditioning unit'. Min-naha l-ohra z-ewg xhieda prodotti mill-konvenut ma kienux prezenti meta sar in-negozju veru u proprju bejn il-partijiet kontendenti u ghalhekk ix-xhieda tal-konvenut ma giet korroborata bl-ebda mod.

Illi fil-fehma tat-Tribunal is-sottomissjoni tal-konvenut li l-vettura giet mibjugha 'tale quale' m'hijex accettabbli ghaliex wiehed ma jistghax juza dan l-argument vis a vis 'airconditioning unit'. Din il-linja ta' difiza kienet tkun accettabbli li kieku l-attur kien qed jilmenta minn xi kundizzjoni apparenti fil-'body' tal-vettura izda ma japplikax ghall-assenza ta' 'airconditioning unit'.

Illi l-ammont mitlub mill-attur bhala rifuzjoni jew tnaqqis fill-prezz tal-vettura ma giiex kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz id-dokument a fol. 22 tal-process jindika li l-ammont mitlub huwa ragonevoli u jirrifletti d-differenza fil-prezz bejn vettura tal-marka Opel Astra bhal dik mixtrija mill-attur b''airconditioning unit' u minghajr 'airconditioning unit'.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati ntermanet mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------